



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

12669/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0164 (NLE)

MAMA 152
MED 23
PA 5

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tagħha fil-programmi tal-Unjoni
----------	--

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni tal-Protokoll
għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju
dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda,
u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju
tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża,
min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea
u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża
dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tagħha fil-programmi tal-Unjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 209 flimkien mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) u 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta' ... (għadha mhijiex ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/...¹⁺, il-Protokoll għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tagħha fil-programmi tal-Unjoni ("il-Protokoll") ġie iffirmat fi ...⁺⁺.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/...ta' ... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tagħha fil-programmi tal-Unjoni (ĠU ...).

⁺ ĠU: daħħal in-numru tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument st 12667/19 fit-test u imla n-nota korrispondenti f'qiegħ il-paġna.

⁺⁺ ĠU: daħħal id-data tal-iffirmar tal-Protokoll.

- (2) L-objettiv tal-Protokoll huwa li jistabbilixxi r-regoli finanzjarji u tekniċi li jippermettu lill-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u tal-Medda ta' Gaża ('l-Awtorità Palestinjana') li tipparteċipa f'ċerti programmi tal-Unjoni. Il-qafas orizzontali stabbilit mill-Protokoll jistipula prinċipji għal miżuri ta' kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika u jippermettu lill-Awtorità Palestinjana tirċievi għajnuna teknika, b'mod partikolari għajnuna finanzjarja, mill-Unjoni taħt dawk il-programmi. Il-qafas japplika biss għal dawk il-programmi tal-Unjoni li għalihom l-atti legali kostituttivi rilevanti jipprovdu għall-possibbiltà tal-parteeipazzjoni tal-Awtorità Palestinjana. Għalhekk, il-konklużjoni tal-Protokoll ma tinvolvi l-eżerċizzju ta' setgħat taħt id-diversi politiki settorjali segwiti mill-programmi, li huma eżerċitati meta jiġu stabbiliti l-programmi.
- (3) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tagħha fil-programmi tal-Unjoni huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni¹.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 10 tal-Protokoll².

¹ Il-Protokoll ġie ppubblikat fi [ĠU ...] flimkien mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar.

² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni hija awtorizzata biex tistabbilixxi, f'isem l-Unjoni, it-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-parteċipazzjoni tal-Awtorità Palestinjana fi kwalunkwe programm partikolari, inkluża l-kontribuzzjoni finanzjarja li jkollha titħallas. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-grupp ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill infurmat.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
